**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 28 ta' Mejju 2015**

**Spettur**
**Sarah Magri**
**VS**
**Paul Montanaro**
**Emanuel Sapiano**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Montanaro ta' 55 sena, bin Anthony u Dolores nee' Borg, mwieled Pieta' fil-25 ta' Settembru 1958, residenti Flat 7, Blokk E, Bieb 2, Ghajn Kajjet, Rabat u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 609558M;

U

Emanuel Sapiano ta' 69 sena, bin Carmelo u Mary Anne nee' Azzopardi, mwieled Rabat fit- 3 ta' Gunju 1944, residenti 39, Triq Cosmana Navarra, Rabat u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 509844M;

Talli;

1) fit- 22 ta' April 2014 ghal habta tas- 01.05hrs gewwa l-hanut Lelmar Bar li jinsab Triq San Frangisk, Rabat, ingurjaw, insulentaw jew heddew bi kliem lil PC 580 I. Mercieca persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qeghda taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is- servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxu fuqu kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dan is- servizz;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-ordni u l- paci pubblika b' ghajjat, storbju jew glied;

3) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku;

4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallewx jew fixklu waqt li ghamel dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahlu fi dmirijiethom jew billi gabu fix-xejn jew hasru dak li haddiehor ghamel b' ligi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 95, 338(dd), 338(bb) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ssib lill-imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehro fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**